# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 195/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Amanda Gauci**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellata **Amanda Gauci**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 8481(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmula minnha fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u li dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat:

1. għax-xhur ta' Marzu 2019 sa Ġunju 2019 naqset li tagħti lil Joe Galea s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-

> kuntratt bħala manteniment għal uliedha u/jew martek, fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew il-kuntratt kellha titħallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti, wara li rat li dakinhar il-*parte civile* ma deherx għalkemm debitament notifikat, illiberat lill-imputata fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fid-19 ta' Ottubru 2020 fejn, filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata, talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi mill-każ skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2023, lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjara li kien qed jirrimetti ruħu għar-Rikors tal-appell u ddikjara wkoll li ma kellu xejn aktar xi jżid mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2023, is-sottomissjonijiet finali tal-konsulent legali tal-appellata.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali wara li ġiet mogħtija sentenza mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Settembru 2020.

Illi dan il-każ huwa dwar allegat nuqqas ta' ħlas ta' manteniment minn naħa tal-appellata lil eks raġel tagħha l-*parte civile* Joe Galea.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jissottometti li għalkemm l-Ewwel Qorti kellha kull interess u l-obbligu li tara li l-proċeduri quddiemha ma jitwalux inutilment, minn naħa l-oħra ma jfissirx li għaliex fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti ma deherx il-*parte civile* allura hija kellha tillibera lill-appellata. Jisħaq li l-konsegwenza ta' dan kienet li l-Prosekuzzjoni ġiet priva minn xhud li kien indispensabbli għaliha. Jargumenta li n-nuqqas ta' ħlas ta' manteniment hu reat kontra l-ordni pubbliku minnu nniffsu u għalhekk il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni dwar ir-reat *ex officio*. Ikompli jargumenta li ġialadarba l-*parte civile* kien preżenti għall-ewwel seduta, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi biex tillibera lill-appellata. Jisħaq li ma hemmx dubju li l-*parte civile* kien xhud indispensabbli għall-Prosekuzzjoni u li la Artikolu 374 u lanqas Artikolu 375 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistipulaw b'mod speċifiku li l-kawżi għandhom jinstemgħu f'seduta waħda biss. Jgħid li minn eżami tal-kliem f'Artikolu 377(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wieħed jikkonkludi li: (a) jekk jista' jkun s-sentenza tingħata meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża u (b) ma hemm ebda obbligu riġidu li l-Qorti għandha tagħti s-sentenza dakinhar stess li tinstema' l-kawża. Jgħid li f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni f'ebda mument ma ddikjarat li kienet qed tagħlaq il-provi tagħha. Għaldaqstant, minħabba r-raġunijiet appena msemmija u oħrajn imsemmija fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi mill-każ skont il-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li l-atti proċesswali quddiem l-Ewwel Qorti kienu jikkonsistu fis-segwenti:

*A fol.* 1: Ċitazzjoni li fiha hemm l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellata.

*A fol.* 2 u 3: Affidavit ta' PC 682 Clydon Micallef.

*A fol.* 4 u 5: Verbali ta' żewġ seduti li ġew differiti.

*A fol.* 6: Verbal tas-seduta miżmuma fis-6 ta' Lulju 2020 fejn hemm imniżżel, fost l-oħrajn, li deher il-*parte civile* mhux assistit u li l-appellata allura imputata ma dehritx u fejn ġiet ippreżentata riferta pożittiva tagħha u fejn inħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tagħha. Hemm imniżżel ukoll id-data u l-ħin tas-seduta ta' wara u li l-*parte civile* ġie notifikat fl-awla.

*A fol.* 7: Riferta pożittiva tal-appellata.

*A fol.* 8: Verbal tas-seduta miżmuma fit-28 ta' Settembru 2020 fejn hemm imniżżel li dehret l-appellata allura imputata u fejn hemm imniżżel ukoll li ġie nkarigat avukat tal-għajnuna legali sabiex jassistiha, liema avukat oġġezzjona għal talba sabiex jinħareġ mandat ta' akkumpanjament fil-konfront tal-*parte civile* li ma deherx għas-seduta msemmija. L-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba tal-Prosekuzzjoni u lliberat lill-appellata allura imputata fuq nuqqas ta' provi.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. James Paul Munden** (Numru 313/2014), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Minbarra l-kawża "**Pulizija versus Monica Shranz**" imsemmija fir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali din il-Qorti tagħmel riferenza għal kawża **"Il-Pulizija versus Joseph Abdilla u Helen Abdilla"** (Vol. LXXVII. p.V p. 446) fejn wara li għamlet riferenza għal sentenzi

preċedenti qalet, *"Din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diġà ġie deċiż f'dawn is-sentenzi li għadhom kemm ġew iċċitati, dwar il-vertenza inkwistjoni u sempliċiment tgħid illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tgħaddi għas-sentenza u tippriva lill-Prosekuzzjoni mill-possibilità li ġġib ix-xhieda una volta l-istess Prosekuzzjoni ma kellha ebda tort fil-fatt li l-istess xhieda debitament imħarrka, ma dehrux. Kieku kien il-każ li l-Prosekuzzjoni naqset milli tinġunġihom, allura l-Ewwel Qorti kien ikollha raġun, imma la dan m'huwiex il-każ u l-Prosekuzzjoni ma kellha assolutament l-ebda tort ma kienx il-każ illi jsir dak illi effettivament sar."* L-istess intqal fil-kawża **"Il-Pulizija kontra Louis Farrugia"** deċiża fid-19 ta' Mejju 1995, *"Meta xhud indispensabbli għall-każ tal-Prosekuzzjoni jew tal-kwerelant ma jidhirx quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti għandha tiddiferixxi l-kawża għal data oħra u tipproċedi kontra x-xhud kif provdut fl-Artikolu 441(4) tal-Kodiċi Kriminali u mhux taqbad u tgħaddi għas-sentenza."* Fl-aħħar din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza *in parte* mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawża **"Il-Pulizija versus Giulio Farrugia"** fis-26 ta' Frar 2015. Għalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun u l-Ewwel Qorti ma messiex għaddiet għas-sentenza meta l-Prosekuzzjoni ma ddikjaratax l-għeluq tal-provi tagħha anzi *di più* talbet differiment meta x-xhieda debitament inġunti ma telgħux."

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem li l-Qorti tal-Maġistrati għandha pressjoni kbira ta' xogħol pero' dan bl-ebda mod ma jiġġustifika li dik il-Qorti tippriva lill-Prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad u tgħaddi għas-sentenza meta x-xhud li l-Prosekuzzjoni tkun trid tressaq sabiex jixhed ikun ġie notifikat biex jattendi għas-seduta msemmija u ma jidhirx. Dan huwa dak li ġara f'dan il-każ: il-*parte civile* ġie notifikat biex jattendi għas-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 u ġialadarba huwa baqa' ma deherx għas-seduta ta' Settembru 2020 u l-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx il-provi tagħha bħala magħluqa, b'hekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx tillibera lill-appellata fuq nuqqas ta' provi. Għaldaqstant din il-Qorti qed tagħmel tagħha dak hawn fuq

iċċitat fis-sentenza hawn fuq imsemmija. Ġialadarba l-*parte civile* kien notifikat biex jattendi għas-seduta tat-28 ta' Settembru 2020, l-Ewwel Qorti kellha tieħu l-provvedimenti neċessarji fil-konfront tiegħu *ai termini* ta' Artikolu 441(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba li huwa ma baqa' ma deherx minkejja li kien ġie debitament notifikat biex jattendi.

Illi għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u bħal ma għamlet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza hawn fuq iċċitata, din il-Qorti ser tordna li l-atti proċesswali jerġgħu jintbagħtu lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa' tinstema mill-ġdid u tiġi deċiża mill-ġdid skont il-liġi b'dana illi jiġi speċifikat li quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jinstemgħu x-xhieda li hemm bżonn da parte tal-Prosekuzzjoni. Ovvjament jekk l-appellata tagħżel li tixhed quddiem l-Ewwel Qorti jew jekk trid tressaq xhieda in sostenn tad-difiża tagħha, hija ħielsa li tagħmel hekk.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u konsegwentement qed tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid u tiġi deċiża skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**